Avviż Numru CCT 140/11

**Benoit Buhagiar**

**vs**

**Vodafone Malta Limited**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, erba' mija u ħdax-il ewro, u disgħa u tmenin ċenteżmi (€1411.89), rappreżentanti kont esaġerat ta' l-użu ta' l-internet meta kien Spanja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien uża sistema ta' l-internet meta kien Spanja u tella' kont ta' elf, erba' mija u ħdax-il ewro, u disgħa u tmenin ċentezmi (€1411.89) u dan qed jarah esaġerat.

L-intimat issottometta li dan kien sar skond il-ftehim u *di piu* kien hemm kawża li s-soċjeta' intimata kienet fetħet fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, fl-4 ta' Marzu 2011 u ġiet tranżatta amikevolment stante li fit-22 ta' Marzu 2011, Benoit Buhagiar aċċetta li jħallas elf, tmien mija u ħdax-il ewro u ħamsin ċenteżmi (1811.50) *in full and final settlement.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi jumejn wara li sar dan il-ftehim u hallas kollox, jigifieri fl-24 ta'Marzu 2011, infetħet il-kawża fit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumaturi. It-Tribunal qed jara din bħala mossa inġusta, anzi qed jippretendi wkoll li dan it-Tribunal jisma' l-każ tar-rikorrenti wara li kien ikkonkluda amikevolment kawża oħra quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar.

Ghalkemm wieħed jista' jargumenta li ma kienx hemm deċiżjoni fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-Arbitru jinnota illi l-liġi m'għandhiex tkun abbużata. Jekk ir-rikorrenti kien jaf illi kien hemm kawża u aċċetta li jagħmel il-ħlas, ma jistax jippretendi li mbagħad jikkontesta t-talba fit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumaturi, speċjalment meta hemm il-liġi li tgħid li ma jistax ikun hemm l-istess kawża għaddejja fiż-żewġ forum.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**